



C/2024/4698

5.8.2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' Ġunju 2024 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Amtsgericht Potsdam – il-Ġermanja) – Gesellschaft für musikalische Aufführungs- und mechanische Vervielfältigungsrechte eV (GEMA) vs GL

(Kawża C-135/23 ⁽¹⁾, GEMA)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proprjetà intellettuali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 3(1) – Komunikazzjoni lill-pubbliku – Kunċett – Sempliċi provvista ta' faċilitajiet – Tqegħid għad-dispożizzjoni f'appartamenti ta' settijiet tat-televiżjoni mgħammra b'antenna interna li tippermetti li jinqabdu sinjali u t-trażmissjoni ta' programmi – Natura lukrattiva – Prinċipju ta' newtralità teknoloġika)

(C/2024/4698)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Potsdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Gesellschaft für musikalische Aufführungs- und mechanische Vervielfältigungsrechte eV (GEMA)

Konvenut: GL

Dispożittiv

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni,

għandu jiġi interpretat fis-sens li

il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", imsemmi f'din id-dispożizzjoni, ikopri t-tqegħid għad-dispożizzjoni deliberat, mill-operatur ta' binja ta' appartamenti mogħtija b'kiri, ta' settijiet tat-televiżjoni mgħammra b'antenna interna li, mingħajr intervent ieħor, jirċievu sinjali u jippermettu t-trażmissjoni ta' programmi, sakemm il-kerreġja ta' dawn l-appartamenti jkunu jistgħu jitqiesu bħala "pubbliku ġdid".

⁽¹⁾ ĠU C 252, 17.7.2023.